# *Giuseppe Verdi*
# *1813 - 1901*




GIUSEPPE VERDI

Dan is-surmast ta' l-opra Taljana nistgħu nqisuh bħala l-akbar fost il-kompożituri Taljani jew aħjar 'Missier il-mużika Taljana'.
Verdi twieled fl-1813 f'Le Roncole qrib Parma, fl-Italja. Minkejja li l-ġenituri ma kienux sinjuri, mill-ewwel xtrawlu pjanu sabiex jibda t-taħriġ mużikali. Ta' seba' snin Verdi kien diġa` l-organista tar-raħal għall-Knisja ta' San Mikiel Arkanġlu u ta' tlettax-il sena kien assistent surmast ta' l-Orkestra ta' Bosseto.
Fl-1836 iżżewweġ lil Margherita Barezzi u anke lesta l-opra 'Rocester' (illum mitlufa). L-opra 'Oberto, Conte di San Bonifacio' ġiet imtellgħa f'La Scala ta' Milan fl-1839 u kienet suċċess kbir għal Verdi tant li rnexxielu jagħmel kuntratt ma' La Scala għal iżjed opri. Nistgħu ngħidu li l-opra 'Un Giorno di Regno' kienet falliment għal Verdi. Bejn l-1838 -1840 Verdi tilef lil martu Margherita u liż-żewġ uliedu : Virginia u Icilio u Verdi tant ħassu emozzjonalment imkisser li ħalef li jabbanduna l-mużika. Iżda ħabib kbir tiegħu Bartolomeo Merelli rnexxielu jipperswadih biex jikkomponi n-'Nabucco' fl-1842. Ir-riżultat kien suċċess fenomenali : l-istorja tal-jasar ta' l-Eġittu qablet sewwa ma' l-ispirtu qawwi tar-Risorgimento - il-Moviment ta' nofs is-seklu dsatax sabiex l-Italja tingħaqad u ssir nazzjon wieħed. Dan is-suċċess għamlu l-iktar kompożitur magħruf fl-Italja. Ta' min isemmi li t-Taljani għadhom sa' llum iridu li l-'aria' popolari tal- 'Va Pensiero' mill-opra ta' Verdi 'Nabucco' tkun l-Innu Nazzjonali ta' l-Italja.
Fl-1847 Verdi kkompona 'I Masnadieri' f'ġieħ ir-reġina ta' l-Ingilterra u ġiet esegwita f'Londra. Fl-1851 jistabilixxi reputazzjoni internazzjonali bl-opra 'Rigoletto' u sentejn wara tkun suċċess l-opra 'Il Trovatore'. 'La Traviata' hi meqjusa bħala l-aktar opra popolari ta' Verdi. Tliet opri kbar huma 'La Forza Del Destino' (1862), 'Don Carlos' (1867) u 'L'Aida' (1871). Fl-1874 hu kkompona 'Requiem' sabiex ifakkar il-mewt ta' ħabib kbir tiegħu u poeta kbir Taljan Alessandro Manzoni. Din ġiet esegwita f'Milan u għamlet suċċess kbir. Mużika sagra li jissemmew huma 'Pater Noster' u 'Quattro Pezzi Sagri' li kitibha fl-1898.
L-opra 'Nabucco' kellha wkoll effett personali fuq Verdi. F'din l-opra kellha parti wkoll is-sopran Giuseppina Strepponi li din malajr inġibdet lejn Verdi. Huma kienu ilhom għaxar snin ħbieb sakemm iddeċidew li jiżżewġu. Fl-1859, fl-eta` ta' 46, Verdi żżewweġ lil Giuseppina Strepponi u marru joqogħdu f'Villa Verdi f'Busseto. Wara xi żmien adottaw tifla Maria Carrara-Verdi.
Giuseppe Verdi issa beda jikber mhux biss fil-popolarita` iżda wkoll fl-eta`. Meta kulħadd ħaseb li issa kien wasal iż-żmien tat-tmiem tal-karriera tiegħu, ikkompona waħda mill-ifjen xogħolijiet tiegħu - 'Otello'. Dan ix-xogħol indaqq għall-ewwel darba f'Milan fl-1887 u kien meqjus bħala l-aqwa akkwist mhux biss tal-kompożitur iżda wkoll ta' l-opra Taljana. Imbagħad, fl-1893 kiteb l-oħra 'Falstaff' li fi kliemu stess iddedikaha għalih innifsu. Għalkemm din l-opra kienet trijonf personali ma kisbitx suċċess daqs l-'Otello' u kellu jgħaddi ħafna żmien biex din l-opra komika kapolavur tingħoġob mill-poplu.
Fl-1897, Giuseppe Verdi ħa daqqa ta' ħarta oħra bil-mewt ta' martu Giuseppina. Hu kompla sejjer lura sakemm ħa l-aħħar nifs nhar is-27 ta' Jannar 1901. Il-funeral kien wieħed sempliċi u skond xewqtu ndifen fiċ-ċimiterju muniċipali ta' Milan ħdejn il-mara tiegħu Giuseppina, li kienet mietet erba' snin qabel. Pero` xahar wara, meta l-fdalijiet inġarru f'Casa di Riposo, sar funeral statali mill-aqwa, b'eluf kbar ta' nies jagħtu l-aħħar tislima lil dan il-kompożitur kbir. Waqt il-funeral tiegħu, il-kor ta' La Scala mmexxi mill-kompożitur Arturo Toscanini kantaw il-'Va Pensiero' mill-opra popolari 'Nabucco' u ftit ftit dawk in-nies preżenti bdiet tkanta magħhom.
Giuseppe Verdi għaraf iħaddem flusu sew mhux biss għalih innifsu iżda wkoll kien magħruf sew għall-ġenerożita` tiegħu. Saħansitra nsibu li fil-wirt tiegħu kien ħalla daru, Villa Sant'Agata, bħala dar għall-mużiċisti rtirati. Kien magħruf ukoll li kien jgħin finanzjarjament lill-moviment favur il-liberazzjoni ta' l-Italja.